TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviz Numru CCT 16/16/GB

**Kevin u Fiona Baldacchino**

**vs**

**Vince Agius – Agius Photo Studio**

Illum 20 ta' April 2016

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fl-20 ta' Jannar, 2016 fejn ir-rikorrenti talbu li jinghataw l-album bir-ritratti hekk skond il-ftehim pattwit bejn il-partijiet u li jigu awtorizzati li ma jhallsux l-ammont ta' tmien mitt Ewro (€800.00), sussegwentement ridott ghall-ammont ta' hames mija u hamsin Ewro (€550.00), lill-intimat, liema ammont qed jintalab li jitqies bhala danni morali ghall-ansjeta' u l-inkonvenjenza kkawzata lilhom min-nuqqas ta' servizz tal-intimat.

L-intimat ipprezenta risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attenda l-avukat tieghu in rapprezentanza tieghu ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti, li huma l-istess rikorrenti, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi:-**

F'Ottubru 2010 kienu bbukkjaw is-servizzi tat-tieg taghhom ma' 'Agius Photo Studio'. Bejn Jannar u Novembru 2011, kienu gabru d-DVDs u CD tar-ritratti, fejn dejjem hallew pagament fuq il-kont taghhom. Ir-rikorrenti ghamlu l-ordni tar-ritratti ftit tax-xhur wara u minn dakinhar sal-gurnata ta' llum, ghadhom minghajr ir-ritratti. Ir-rikorrenti ppruvaw hafna drabi u b'hafna metodi sabiex jikkuntattjaw lill-intimat, pero' dejjem minghajr success. Dejjem inghataw l-istess verzjoni li l-intimat kien se jaghmel kuntatt maghhom, pero' dan qatt ma sehh.

Illi għalhekk, ir-rikorrenti qed jitolbu li jingħataw ir-ritratti li ilhom dawn is-snin kollha jistennew, u li jingħataw gest ta' *goodwill* mingħand l-intimat fejn bħala kunpens ta' dan id-dewmien kollu, telefonati u l-ħafna drabi li niżlu Raħal Ġdid għal xejn, jiġu kkumpensati l-bilanċ aħħari li għad fadlilhom fuq il-kont tagħhom.

**L-intimat ssottometta bil-miktub illi:-**

Meta r-rikorrenti ordnaw ir-ritratti mill-intimat, huwa kellu jagħmel *modifications* u *alterations*, liema *alterations* ma ġewx ikkonfermati fuq id-DVD/CD finali li kiellu jirċievi l-intimat.

Illi qatt ma giet miftehma data meta dawn ir-ritratti kellhom ikunu lesti.

Illi r-ritratti jistgħu jiġu mgħoddija lir-rikorrenti la darba jikkonfermaw l-*alterations* u meta dan isir ir-rikorrenti għandhom iħallsu il-bilanċ dovut lill-intimat.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Fix-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti, huma reġgħu kkonfermaw il-verżjoni tagħhom bil-miktub.

Ir-rikorrenti eżebew żewġ dokumenti, li ġew immarkati bħala Dok.FB1 u Dok.FB2.

It-Tribunal sema' s-sottomissjonijiet finali tal-partijiet.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, u fuq eżami tal-provi, jikkonkludi illi kien hemm nuqqas serju ta' servizz da parti ta' l-intimat u għalhekk qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti limitatament għall-ammont ta' ħames mitt Ewro (€500.00), u jordna lill-intimat jgħaddi l-album bir-ritratti lir-rikorrenti, hekk skond il-ftehim oriġinali tal-partijiet, fi żmien tliet ġimgħat mid-data tas-sentenza, u jħallas l-ammont ta' ħames mitt Ewro (€500.00) lir-rikorrenti in via ta' danni morali li qed jiġu likwidati minn dan it-Tribunal, bl-ispejjeż tal-kawża kontra l-intimat.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**